

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2218

tal-24 ta' Ottubru 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 894/2007 (¹), li kkonkluda l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (²) ("il-Ftehim"). Dan il-Ftehim daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011 u għadu fis-seħħ.
- (2) Fit-18 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tibda negozjati mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe ("São Tomé u Príncipe") bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' protokoll ġdid biex jiplimenta l-Ftehim.
- (3) Il-Protokoll preċedenti għall-Ftehim skada fit-22 ta' Mejju 2018.
- (4) Il-Kummissjoni nnegozjat protokoll ġdid f'isem l-Unjoni. Wara l-konklużjoni tan-negozjati, il-protokoll il-ġdid ġie inizjalat fis-17 ta' April 2019.
- (5) L-għan tal-Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea ("il-Protokoll") huwa li jippermetti lill-Unjoni u lil São Tomé u Príncipe jaħdmu flimkien aktar mill-qrib sabiex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabqli tar-riżorsi tas-sajd fl-il-mijiet ta' São Tomé u Príncipe u li jippermettilhom jappoġġaw l-isforzi ta' São Tomé u Príncipe biex jiżviluppaw is-settur tas-sajd tagħhom.
- (6) Sabiex ikun żgurat li l-aktivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-iffirmar tiegħu.
- (7) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/2007 tat-23 ta' Lulju 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 35).

(²) ĠU L 205, 7.8.2007, p. 36.

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Šubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirma(w) il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu (⁹), sakemm jitestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kunsill
Il-President
A.-K. PEKONEN*

(⁹) Id-data li minnha l-Protokoll ser jiġi applikat b'mod provviżorju ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.